A.L. 10 ta' l-1986

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT Nru. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1986 dwar Katusi ta' l-Asbestos Siment għall-Bini u Sanitarji

(Ordni Nru. M15 ta' l-1986)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

1.1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1986 dwar Katusi ta' l-Asbestos Siment għall-Bini u Sanitarji u jista' jissejjaħ l-Ordni Nru. M 15 ta' l-1986. Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu għoxrin jum minn meta jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati liema data għandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

2.1 Dan l-ordni japplika għal katusi ta' l-asbestos siment ta' dijametri nominali ta' bejn 50 u 300mm użati fil-bini, bħal kumnikazzjonijiet għall-ilma tax-xita, sanitarji u għad-drenaġġ li jwasslu għall-kumnikazzjoni mad-drenaġġ prinċipali jew komuni. Għan.

3.1 Il-katusi għandhom ikunu magħmulin essenzjalment minn *binder* idrawliku inorganiku rinforzat b'fibri ta' l-asbestos li magħhom jistgħu jiżdiedu fibri oħra. L-użu ta' asbestos tax-xorta Crocidolyte (Blu) u/jew asbestos tax-xorta Amosite (Kannella) huwa projbit. Kompożizzjoni.

4.1 Il-katusi għandhom ikunu ta' waħda minn żewġ xorta: Xorta.

4.1.1 Katusi bis-*socket*

4.1.2 Katusi bit-tarf lixx.

5.1 Il-wiċċ tal-katusi minn barra għandu jkun regolari u l-wiċċ minn ġewwa għandu jkun regolari u lixx. Jekk meħtieġ, il-katusi għandhom jingħataw passata minn barra u minn ġewwa b'kisi xieraq. Kif jidhru u l-prodott lest.

6.1 Id-dijametru nominali tal-katusi jikkorrispondi għad-dijametru intern (it-toqba), u t-tolleranzi ma jitqiesux. Is-serje tad-dijametri nominali hi murija fit-Tabella 1. Karatteristiċi.

6.1.1 L-ovalità hi mfissra

$$O = \frac{Dr}{Dt} \quad \text{fejn}$$

Dr huwa l-valur li jikkorrispondi għad-dijametru intern massimu jew minimu, f'millimetri, tat-tarf ta' l-i*spigot* tal-katusi

jew tas-*socket;* Dt huwa l-valur tad-dijametru intern speċifikat, f'millimetri, tat-tarf ta' l-i*spigot* tal-katusa jew tas-*socket.*

6.1.1.1 L-ovalità għandha tkun f'dawn il-limiti skond id-dijametru nominali:

għal dijametri nominali ta' inqas minn 100:

0.975 sa 1.025

għal dijametri nominali bejn 100 u 300:

0.98 sa 1.02

6.2 Il-ħxuniet nominali u t-tolleranzi tagħhom huma mogħtija fit-Tabella 2.

Tul nominali.

6.3 Għal katusi bit-truf lixxi, it-tul nominali jikkorrispondi għat-tul imkejjel bejn it-truf tal-katusi. Għal katusi bis-*socket,* ara l-figura 1 fil-każ li tkun bis-*socket* u l-figura 2 fil-każ ta' katusa monolitika.

Is-serje ta' tulijiet nominali hi murija fit-Tabella 3. It-tul nominali ta' 5.00 m japplika biss għal katusi ta' dijametru nominali ta' 150mm jew iżjed.

6.3.1 It-tolleranza tat-tul nominali għandha tkun:

Divjazzjoni 'l fuq: + 10mm
Divjazzjoni 'l isfel: – 20mm

Kemm jifilħu għal pressa idrawlika interna.

6.4 Meta jsirilhom test skond il-metodu stabbilit fil-paragrafu 8.1, il-katusi ma għandu jkollhom ebda fissuri, ma jkunux jagħmlu u ma jkollhom ebda *sweating.*

Ksur transversali.

6.5 Meta jsirilhom test skond il-metodu msemmi fil-paragrafu 8.2, il-katusi għandhom juru saħħa minima ta' ksur ta' unità ta' 25 N/mm^2.

Tagħwiġ longitudinali.

6.6 Meta jsirilhom test skond il-metodu msemmi fil-paragrafu 8.3 il-katusi għandhom juru saħħa minima ta' tagħwiġ ta' unità ta' 16 N/mm^2. Dan it-test hu limitat għal katusi b'dijametru nominali ta' 150 jew inqas.

Marki.

7.1 Ebda katusi ta' l-asbestos siment għall-bini u sanitarji importati jew lokali ma għandhom jinbiegħu, jiġu offerti jew murija għall-bejgħ jekk ma jurux b'mod ċar u li jinqara sew:

7.1.1 il-marka tal-manifattur;

7.1.2 il-kliem "Danger — Contains Asbestos" jew l-ekwivalenti tagħhom bil-Malti "Periklu — Fiha l-Asbestos".

Mod ta' testijiet.

8.1 It-test dwar kemm jifilħu għal pressa idrawlika interna għandu jsir fuq katusi sħaħ, inklużi *sockets* jekk il-katusi jkunu bis-*socket.*

8.1.1 Il-katusi għandhom jitqiegħdu fuq pressa idrawlika, u jiġi żgurat li fit-truf ma jagħmilx ilma b'mezz xieraq. Il-pressa idrawlika titkejjel b'*gauge* tal-pressa kalibrat biex jagħti qari preċiż. Hu rakkomandat *manometer* gradwat sa għall-anqas 0.01 M Pa.

8.1.2 Il-pressa idrawlika tittella' gradwalment sa 0.05 M Pa. Din il-pressa tinżamm għal 60 sekonda sabiex wieħed jara jkunx hemm fissuri, tkunx qed tagħmel jew ikunx hemm *sweating*.

8.2 It-test għall-ksur transversali jsir kif deskritt fl-I.S.O. 391 : 1982.

8.3 It-test għal tagħwiġ longitudinali jsir kif deskritt fl-I.S.O. 391 : 1982.

TABELLA 1

Dijametri Nominali (mm)

50; 60; 70; 80; 100; 125; 150; 200; 250; 300

TABELLA 2

Hxuniet u Tolleranzi Nominali

Dijametru Nominali	Hxuna Nominali (mm)	Tolleranza (mm)
50	7	
60	7	
70	7	+ 1.5
80	7	− 1.0
100	7	
125	8	
150	8	
200	9	
250	10	+ 2.0
300	11	− 1.5

TABELLA 3

Tulijiet Nominali (m)

0.50; 1.00; 1.50; 2.00; 2.50; 3.00; 4.00; 5.00




Figura 1




Figura 2